MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 148/2004

**Paolo Bonnici Limited**

**Vs**

**Franco Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn tlett mija u hmistax il-lira u tlieta u sebghin centezmu (LM 2,315.73.0) bilanc minn somma akbar prezz ta’ merkanzija varja mibjugha u kkonsenjata fil-hanut Lascaris Discount Store, 1, Lascaris Wharf, Valletta;

Rat illi l-konvenut, debitament notifikat,  ma ikkontestax t-talba tas-socjeta’ attrici;

Semghet lil Kevin Magri, rapprezentant tas-socjeta’ attrici, l-uniku xhud li gie prodott, illi iddikjara bil-gurament tieghu illi l-ammont dovut lis-socjeta’ attrici huwa ta’ elf seba’ mija

hamsa u disghin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (LM1795.21), peress illi l-konvenut irritorna xi merkanzija lis-socjeta’ attrici fid-29 ta’ April, 2004.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz il-verbal tas-16 ta’ Gunju 2004 fejn il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza.

Fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif limitata wara li xehed ir-rapprezentant taghha Kevin Magri kif fuq inghad u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf seba’ mija u hamsa u disghin lira u wiehed u ghoxrin centezmu (LM1795.21), bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------